# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum 3 ta' Gunju 2024**

**Rik. Gur.Nru.: 185/2024 JPG**
**Kawza nru.: 20**

**AA**
**U**
**PG**
**Vs**
**X**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet datat 11 t'April 2024, a fol 1, li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet izzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' April ta-sena elf disa mija u hamsa u disghin (1995);*

2. *Illi l-partijiet isseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li jgib in-numru 12257/2017 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono bid-data tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Mejju tas-sena elfejn u sbatax (2017) – Dok A mehmuz;*

3. *Illi minn dan iz-zwieg twieldet KG nhar X, illum maggorenni;*

4. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li l-partijiet ilhom sitt snin isseparati, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ghandhom rabtiet ma' persuni ohrajn;*

5. *Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju;*

6. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisdaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Art 66B tal-Kodici Civili (Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta).*

*Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlobu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, previa kull provvediment minnha meqjus xieraq u opportun fic-cirkostanzi:*

1. *Tippronunzja l-ħall taż-żwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fit-terminu moghti minn din l-istess Onorabbli Qorti, jinnotifika lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex tkun tista' ssir ir-registrazzjoni opportuna.*

.

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni ulterjuri x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Vide Fol 8)

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**AA xehdet (vide affidavit fol 2)** u kkonfermat illi il-partijiet izzewgu nhar it-22 t'April 1995 u li minn dan iz-zwieg twieldet tifla, illum maggorenni. Iddikjarat illi huma sseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 24 ta' Mejju 2017 fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono.

Di piu', ikkonfermat illi ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni kif ukoll ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

**PG xehed (vide Fol 3)** u kkonferma u kkorrobora ix-xhieda ta' martu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-22 t'April 1995 liema zwieg jgib certifikat numru 431/1995 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 9). Minn dan iz-zwieg twieldet tifla llum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt konsenswali, ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono nhar l-24 ta' Mejju 2017 (Vide fol 4 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom legalment separati ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 431/1995 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**